*Wara li nhar il-5 t'April 2006 ġiet inawgurata l-pittura ta' l-eks President tas-Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard, is-sur Joseph J. Vella tana xi ritratti nteressanti tat-Tabib Mizzi. Ħsibna li jixraq li nippubblikawhom ħalli b'hekk nagħtu ġieħ lil dan il-persunaġġ li ħadem ħafna fost il-Mostin - anke għax jaħbat il-130 anniversarju mit-twelid tiegħu.*

# Dr. Rużar Mizzi

## *President tas-Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard (1924-1932)*



**minn Joseph J. Vella**

It-Tabib Rosario Mizzi twieled fil-Belt Valletta fid-dar numru 58 fi Triq San Mark nhar it-8 ta' Frar 1876. Huwa kien bin Carmelo u Francesca imwielda Bonello u kien mgħammed fil-Parroċċa ta' San Duminku ta' Porto Salvo tal-Belt.

Wara li ggradwa bħala tabib għal xi żmien baqa' l-Belt sakemm fl-1902 mar iservi ta' tabib fl-Isptar Ċentrali tal-Belt Victoria f'Għawdex. Għall-ħabta ta' l-1907 kien ġie joqgħod il-Mosta u xtara dar fi Triq il-Kungress Ewkaristiku li f'dak iż-żmien kien jisimha Strada Nuova Valletta.

Kien miżżewweġ lil Bernardina Galea u ma kellhomx tfal. Għalhekk ħa ħsieb it-trobbija ta' Francesca Frendo - armla tat-Tabib Frans Vella u omm il-Kunsillier Mosti Joseph J. Vella. Is-sinjura Vella għada mimlija bil-għomor u toqgħod fid-dar tat-Tabib Mizzi.



***L-istess grupp ta' studenti fuq il-Gżejjer ta' San Pawl. Rosario jidher kokka, l-ewwel wieħed fuq il-lemin. Fuq ix-xellug hemm il-bniedem (bid-daqna folta) li kien jieħu ħsieb il-post. Fil-bieb tal-kamra tiegħu hemm martu u jidhru t-tlett uliedu żgħar.***

Mizzi kien President tal-Banda Nicolò Isouard bejn l-1924 u l-1932. Għal xi żmien kien ukoll il-President tal-'*Camera di Lettura*' li kienet għaqda indipendenti minn kull soċjetà oħra u kellha mikrija għandha kamra fil-Każin Santa Marija.

It-Tabib Mizzi kien popolari fost il-Mostin u għalhekk fl-elezzjoni ta' l-1932 kien ġie elett fl-Assemblea Leġislattiva bħala Deputat tal-Partit Nazzjonalista meta ġab 972 vot fl-ewwel għadd. Huwa kien ħabib kbir ta' Carmelo Dimech (il-Budandu) - wieħed mill-ikbar benefatturi li qatt kellha l-Knisja Rotunda tal-Mosta, u tas-sur Pawl Cuschieri tas-St. Mary Pharmacy.

Dr. Rużar Mizzi miet fit-8 ta' Jannar 1943 fid-dar tiegħu fi Triq il-Kungress Ewkaristiku u ndifen, kif xtaq hu fit-testment sigriet miktub minnu nnifsu, fil-Kannierja tal-Knisja Arċipretali tal-Mosta.



***It-Tabib Rużar Mizzi merfugħ fuq l-ispallejn fil-Pjazza tal-Mosta fl-1932, meta kien ikkontesta b'suċċess l-Elezzjoni Ġenerali.***



*Għall-ħabta ta' l-1933, it-Tabib Mizzi mar btala f'Ruma ma' xi ħbieb tiegħu. Mix-xellug jidhru it-Tabib Mizzi, Franġiska Frendo li kellha madwar 17-il sena u li rabbieha t-Tabib Mizzi, Carmelo Dimech - il-benefattur kbir tar-Rotunda u li kien ukoll Teżorier fil-Każin Nicolò Isouard, Nina Micallef imwielda Dimech - li kienet oħt Carmelo Dimech - u r-raġel tagħha Alfred Micallef li wkoll serva għal xi żmien fil-Kumitat tas-Soċjetà.*



*Iż-żagħżugħ Rosario Mizzi (it-tieni mil-lemin fit-tieni filliera) ma' sħabu ta' l-Università f'San Pawl il-Baħar meta ggradwaw għall-ħabta ta' l-1900.*



*Fil-ġranet tal-festa ta' Santa Marija ta' l-1938, Dun Manwel Attard qaddes l-ewwel quddiesa tiegħu fir-Rotunda tal-Mosta. F'din l-okkażjoni, il-Banda Nicolò Isouard kienet laqgħetu ħdejn il-Każin, hu u nieħel min-naħa ta' l-Erba' Ħwienet, u wasslitu sal-Knisja. Fuq quddiem jidhru mix-xellug: It-Tabib Mizzi, Dun Edgar Salomone - li kien il-Kappillan ta' l-Imġarr, Dun Manwel Attard, Dun Karm Sciberras - li bena l-Oratorju Qalb ta' Ġesù u li fl-1943 kien laħaq Arċipriet, u l-Arċipriet tal-Mosta Dun Girgor Borg.*



*It-Tabib Rużar Mizzi ħdejn id-dar tal-vileġġjatura tiegħu f'San Pawl il-Baħar. Ħdejh jidhru Franġiska Frendo u żewġha t-Tabib Frans Vella.*



*It-Tabib Rosario Mizzi jippoża fil-karozza tiegħu.*



*Tlett iħbieb waqt il-mistrieħ. Mix-xellug: It-Tabib Rużar Mizzi, Dun Giovanni Mallia Tabone - li miet nhar it-3 ta' Novembru 1941 wara li kien involut f'inċident u waqa' minn fuq iż-żiemel li kien riekeb, u s-sur Pawl Cuschieri li fl-1935 fetaħ l-ispiżerija St. Mary's fil-Pjazza tar-Rotunda.*